P9_TA(2024)0336

Miżuri biex tiġi ffaċilitata l-protezzjoni konsulari għal ċittadini mhux rappreżentati tal-Unjoni f'pajjiżi terzi

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' April 2024 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2015/637 dwar il-miżuri ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni biex tiġi ffaċilitata l-protezzjoni konsulari għal ċittadini mhux rappreżentati tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u d-Direttiva (UE) 2019/997 li tistabbilixxi Dokument Provviżorju tal-Ivvjaġġar tal-UE (COM(2023)0930 – C9-0015/2024 – 2023/0441(CNS))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)

(C/2025/3762)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2023)0930),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 23(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema l-Parlament ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0015/2024),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 82 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0178/2024),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, f'konformità mal-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/637 jenħtieġ li jiġi estiż ukoll, lil hinn miċ-ċittadini tal-Unjoni, għall-persuni l-oħra kollha legalment intitolati għall-protezzjoni konsulari ta' Stat Membru biex dawn il-persuni jkunu jistgħu jirċievu din il-protezzjoni minn Stat Membru ieħor bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini mhux rappreżentati. Din il-kategorija ta' persuni tista' tinkludi rifuġjati rikonoxxuti, persuni apolidi u persuni oħra li m'għandhom in-nazzjonalità tal-ebda pajjiż, persuni li jirrisjedu legalment fi Stat Membru u li huma detenturi ta' dokument tal-ivvjaġġar maħruġ minn dak l-Istat Membru, u persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja.

Emenda 2

Proposta għal direttiva

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-kriżijiet li jirriżultaw f'talbiet għall-protezzjoni konsulari qegħdin jiżdiedu fl-għadd u fl-iskala tagħhom. Il-pandemija tal-COVID-19, il-kriżi fl-Afganistan, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-kunflitt fis-Sudan, ir-ripatrijazzjonijiet mill-Iżrael u minn Gaża u kriżijiet simili oħrajn pprovdew kuntest biex jiġu identifikati l-lakuni u biex issir riflessjoni dwar kif għandu jiġi ffaċilitat aktar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni għall-protezzjoni konsulari. B'riżultat tat-tagħlimiet minn dawk l-esperjenzi, u sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri għaċ-ċittadini u għall-awtoritajiet konsulari, ir-regoli u l-proċeduri tad-Direttiva (UE) 2015/637 jenħtieġ li jiġu ċċarati u ssimplifikati sabiex tittejjeb l-effettività tal-għoti ta' protezzjoni konsulari liċ-ċittadini mhux rappreżentati tal-Unjoni, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. Jenħtieġ li jsir l-aħjar użu mir-riżorsi disponibbli fil-livell tal-Istati Membri u tal-Unjoni, kemm lokalment f'pajjiżi terzi kif ukoll fil-livell kapitali.	(2) Il-kriżijiet li jirriżultaw f'talbiet għall-protezzjoni konsulari qegħdin jiżdiedu fl-għadd u fl-iskala tagħhom. Il-pandemija tal-COVID-19, il-kriżi fl-Afganistan ***fl-2021***, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-kunflitt fis-Sudan, ir-ripatrijazzjonijiet mill-Iżrael u minn Gaża***, id-diversi kriżijiet umanitarji u d-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem*** u kriżijiet simili oħrajn pprovdew kuntest biex jiġu identifikati l-lakuni u biex issir riflessjoni dwar kif għandu jiġi ffaċilitat aktar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni għall-protezzjoni konsulari***. Il-kapaċità tal-Unjoni li tirrispondi għal dawn id-diversi kriżijiet li għaddejjin bħalissa jenħtieġ li tissaħħaħ, tindirizza kwalunkwe nuqqas u ssaħħaħ it-tħejjija, il-ġbir ta' informazzjoni u l-kapaċità tat-teħid ta' deċiżjonijiet tagħna qabel u matul il-kriżijiet.*** B'riżultat tat-tagħlimiet minn dawk l-esperjenzi, u sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri għaċ-ċittadini u għall-awtoritajiet konsulari, ir-regoli u l-proċeduri tad-Direttiva (UE) 2015/637 jenħtieġ li jiġu ċċarati u ssimplifikati sabiex tittejjeb l-effettività tal-għoti ta' protezzjoni konsulari liċ-ċittadini mhux rappreżentati tal-Unjoni, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. Jenħtieġ li jsir l-aħjar użu mir-riżorsi disponibbli fil-livell tal-Istati Membri u tal-Unjoni, kemm lokalment f'pajjiżi terzi kif ukoll fil-livell kapitali.

Emenda 3

Proposta għal direttiva

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex tittejjeb iċ-ċertezza legali għall-awtoritajiet konsulari u għaċ-ċittadini, huwa xieraq li jiġu stabbiliti kriterji aktar dettaljati li jgħinu fil-valutazzjoni ta' jekk ċittadin tal-Unjoni għandux jitqies bħala mhux rappreżentat u għalhekk eliġibbli li jirċievi protezzjoni konsulari mill-Istat Membru li l-awtoritajiet konsulari tiegħu jkunu ġew avviċinati. Dawk il-kriterji jenħtieġ li jkunu flessibbli biżżejjed u applikati fid-dawl taċ-ċirkostanzi lokali, bħall-faċilità tal-ivvjaġġar jew is-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-pajjiż terz ikkonċernat. F'dan il-kuntest, l-aċċessibbiltà ***u l-prossimità*** jenħtieġ li jibqgħu kunsiderazzjonijiet importanti.	(4) Sabiex tittejjeb iċ-ċertezza legali għall-awtoritajiet konsulari u għaċ-ċittadini, huwa xieraq li jiġu stabbiliti kriterji aktar dettaljati li jgħinu fil-valutazzjoni ta' jekk ċittadin tal-Unjoni għandux jitqies bħala mhux rappreżentat u għalhekk eliġibbli li jirċievi protezzjoni konsulari mill-Istat Membru li l-awtoritajiet konsulari tiegħu jkunu ġew avviċinati. Dawk il-kriterji jenħtieġ li jkunu ***prammatiċi u*** flessibbli biżżejjed u applikati fid-dawl taċ-ċirkostanzi lokali, bħall-faċilità tal-ivvjaġġar jew is-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-pajjiż terz ikkonċernat. F'dan il-kuntest, l-aċċessibbiltà***, il-prossimità u s-sigurtà*** jenħtieġ li jibqgħu kunsiderazzjonijiet importanti.

Emenda 4

Proposta għal direttiva

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Bħala l-ewwel kriterju, l-awtoritajiet konsulari jenħtieġ li jqisu d-diffikultà għaċ-ċittadini biex jaslu b'mod sikur fl-ambaxxata jew fil-konsulat tal-Istat Membru tan-nazzjonalità tagħhom, jew biex jintlaħqu minn dawn tal-aħħar ***f'perjodu ta' żmien raġonevoli***, filwaqt li jqisu n-natura u l-urġenza tal-assistenza mitluba u l-mezzi, b'mod partikolari r-riżorsi finanzjarji, li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom. Pereżempju, meta ċittadin ikun jeħtieġ Dokument Provviżorju tal-Ivvjaġġar tal-UE minħabba li jkun tilef id-dokumenti tal-ivvjaġġar tiegħu, jenħtieġ li, fil-prinċipju, dak iċ-ċittadin jitqies li ma huwiex rappreżentat jekk biex imur l-ambaxxata jew il-konsulat tal-Istat Membru tan-nazzjonalità tiegħu jkun meħtieġ li jivvjaġġa matul il-lejl jew bl-ajru, minħabba li ma jistax ikun mistenni li jivvjaġġa f'ċirkostanzi bħal dawn.	(5) Bħala l-ewwel kriterju, l-awtoritajiet konsulari jenħtieġ li jqisu d-diffikultà għaċ-ċittadini biex jaslu b'mod sikur fl-ambaxxata jew fil-konsulat tal-Istat Membru tan-nazzjonalità tagħhom, jew biex jintlaħqu minn dawn tal-aħħar ***fi żmien 48 siegħa***, filwaqt li jqisu n-natura u l-urġenza tal-assistenza mitluba u l-mezzi, b'mod partikolari r-riżorsi finanzjarji, li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom***. Filwaqt li l-perjodu ta' żmien xieraq jiddependi fuq il-partikolaritajiet ta' kull talba għall-assistenza, il-perjodu għaċ-ċittadini biex jilħqu jew jintlaħqu b'mod sikur mill-ambaxxata jew il-konsulat tal-Istat Membru tagħhom, m'għandux, fi kwalunkwe każ, jaqbeż it-48 siegħa***. Pereżempju, meta ċittadin ikun jeħtieġ Dokument Provviżorju tal-Ivvjaġġar tal-UE minħabba li jkun tilef id-dokumenti tal-ivvjaġġar tiegħu, jenħtieġ li, fil-prinċipju, dak iċ-ċittadin jitqies li ma huwiex rappreżentat jekk biex imur l-ambaxxata jew il-konsulat tal-Istat Membru tan-nazzjonalità tiegħu jkun meħtieġ li jivvjaġġa matul il-lejl jew bl-ajru, minħabba li ma jistax ikun mistenni li jivvjaġġa f'ċirkostanzi bħal dawn.

Emenda 5

Proposta għal direttiva

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-kunċett ta' nuqqas ta' rappreżentanza jenħtieġ li jiġi interpretat bil-ħsieb li tiġi żgurata l-effettività tad-dritt għall-protezzjoni konsulari. Meta l-fatt li ċittadin jerġa' jintbagħat fl-ambaxxata jew fil-konsulat tal-Istat Membru tan-nazzjonalità tiegħu, aktarx iwassal biex il-protezzjoni konsulari tiġi kompromessa, b'mod partikolari meta l-urġenza tal-kwistjoni tkun tirrikjedi azzjoni immedjata mill-ambaxxata jew mill-konsulat rikjest, iċ-ċittadin jenħtieġ li jitqies ukoll bħala mhux rappreżentat. Dan huwa partikolarment rilevanti f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, fejn in-nuqqas ta' assistenza f'waqtha jista' jkollu impatti partikolarment negattivi fuq iċ-ċittadin.	(7) Il-kunċett ta' nuqqas ta' rappreżentanza jenħtieġ li jiġi interpretat bil-ħsieb li tiġi żgurata l-effettività tad-dritt għall-protezzjoni konsulari. Meta l-fatt li ċittadin jerġa' jintbagħat fl-ambaxxata jew fil-konsulat tal-Istat Membru tan-nazzjonalità tiegħu, aktarx iwassal biex il-protezzjoni konsulari tiġi kompromessa, b'mod partikolari meta l-urġenza tal-kwistjoni tkun tirrikjedi azzjoni immedjata mill-ambaxxata jew mill-konsulat rikjest, iċ-ċittadin jenħtieġ li jitqies ukoll bħala mhux rappreżentat. Dan huwa partikolarment rilevanti f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, fejn in-nuqqas ta' assistenza f'waqtha jista' jkollu impatti partikolarment negattivi fuq iċ-ċittadin. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li jitqies tnaqqis sinifikanti fil-persunal tal-ambaxxata jew tal-konsulat, li jista' jaffettwa b'mod sinifikanti l-effettività u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tagħhom, peress li dan jista' jkompli jaggrava l-isfidi ffaċċjati miċ-ċittadini li jfittxu assistenza konsulari.***

Emenda 6

Proposta għal direttiva

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Jenħtieġ li l-applikazzjonijiet ma jiġux ittrasferiti jekk b'dan, il-protezzjoni konsulari tiġi kompromessa, b'mod partikolari jekk l-urġenza tal-kwistjoni tkun tirrikjedi azzjoni immedjata mill-ambaxxati jew mill-konsulat tal-Istat Membru avviċinat. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, f'każijiet ta' emerġenzi mediċi serji jew arresti apparentement arbitrarji. Barra minn hekk, iċ-ċittadini mhux rappreżentati jenħtieġ li jinżammu informati dwar kwalunkwe trasferiment għal dan.	(11) Jenħtieġ li l-applikazzjonijiet ma jiġux ittrasferiti jekk b'dan, il-protezzjoni konsulari tiġi kompromessa, b'mod partikolari jekk l-urġenza tal-kwistjoni tkun tirrikjedi azzjoni immedjata mill-ambaxxati jew mill-konsulat tal-Istat Membru avviċinat. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, f'każijiet ta' emerġenzi mediċi serji jew arresti apparentement arbitrarji ***jew politikament motivati***. Barra minn hekk, iċ-ċittadini mhux rappreżentati jenħtieġ li jinżammu informati dwar kwalunkwe trasferiment għal dan.

Emenda 7

Proposta għal direttiva

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Meta jipprovdu protezzjoni konsulari lil ċittadini mhux rappreżentati, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu ***l-ħtiġijiet*** speċifiċi ta' gruppi vulnerabbli, għal minorenni mhux akkumpanjati, nisa tqal, persuni b'mobbiltà mnaqqsa, persuni ***b'diżabilità*** jew individwi f'riskju ta' diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi għal dawk imsemmija fl-Artikolu 21 tal-Karta**.**	(13) Meta jipprovdu protezzjoni konsulari lil ċittadini mhux rappreżentati, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu ***approċċ intersezzjonali għall-ħtiġijiet*** speċifiċi ta' gruppi vulnerabbli, għal minorenni mhux akkumpanjati, ***vittmi ta' żwiġijiet furzati jew ta' kaptività matrimonjali li jenħtieġ li jingħataw appoġġ legali u psikoloġiku,*** nisa tqal, persuni b'mobbiltà mnaqqsa***, l-anzjani***, persuni ***b'diżabbiltà*** jew individwi f'riskju ta' diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi għal dawk imsemmija fl-Artikolu 21 tal-Karta

Emenda 8

Proposta għal direttiva

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex tiġi żgurata t-tħejjija rigward kriżijiet konsulari possibbli li jirrikjedu l-għoti ta' għajnuna lil ċittadini mhux rappreżentati, jenħtieġ li l-kooperazzjoni konsulari lokali fost l-Istati Membri u d-delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi tinkludi skambji dwar kwistjonijiet rilevanti għal tali ċittadini, inklużi s-sigurtà u s-sikurezza tagħhom, l-istabbiliment ta' pjanijiet ta' kontinġenza konsulari konġunti u	(19) Sabiex tiġi żgurata t-tħejjija rigward kriżijiet konsulari possibbli li jirrikjedu l-għoti ta' għajnuna lil ċittadini mhux rappreżentati – ***inklużi diżastri naturali, inkwiet politiku jew attakki terroristiċi*** –, jenħtieġ li l-kooperazzjoni konsulari lokali fost l-Istati Membri u d-delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi tinkludi skambji dwar kwistjonijiet rilevanti għal tali ċittadini, inklużi s-sigurtà u s-sikurezza tagħhom,

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
l-organizzazzjoni ta' eżerċizzji konsulari. F'dan il-kuntest, jista' jkun partikolarment rilevanti li l-awtoritajiet konsulari tal-Istati Membri mhux rappreżentati jiġu inklużi f'tali kooperazzjoni konsulari lokali meta jkunu qed jiġu kkoordinati t-tħejjija u r-rispons konsulari għall-kriżijiet.	l-istabbiliment ta' pjanijiet ta' kontinġenza konsulari konġunti ***u mekkaniżmi għal rispons rapidu,*** u l-organizzazzjoni ta' eżerċizzji konsulari. F'dan il-kuntest, jista' jkun partikolarment rilevanti li l-awtoritajiet konsulari tal-Istati Membri mhux rappreżentati jiġu inklużi f'tali kooperazzjoni konsulari lokali meta jkunu qed jiġu kkoordinati t-tħejjija u r-rispons konsulari għall-kriżijiet.

Emenda 9

Proposta għal direttiva

Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Il-pjanijiet ta' kontinġenza konsulari konġunti jenħtieġ li jqisu wkoll, fejn xieraq, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Istati Mexxejja, jiġifieri, l-Istati Membri rappreżentati f'pajjiż terz partikolari li huma responsabbli għall-koordinazzjoni u t-tmexxija tal-għajnuna lil ċittadini mhux rappreżentati waqt il-kriżijiet, biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni effettiva tal-għajnuna konsulari. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-pjanijiet ta' kontinġenza konsulari konġunti jiġu evalwati kull sena fil-kuntest ta' eżerċizzji konsulari biex tiġi żgurata r-rilevanza kontinwa tagħhom. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-pjanijiet ta' kontinġenza konsulari konġunti ma jinftiehmux li qed jissostitwixxu l-pjanijiet nazzjonali eżistenti tal-Istati Membri għall-kriżijiet jew li qed jaffettwaw ir-responsabbiltà tagħhom li jipprovdu għajnuna konsulari lin-nazzjonali tagħhom stess.	(23) Il-pjanijiet ta' kontinġenza konsulari konġunti jenħtieġ li jqisu wkoll, fejn xieraq, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Istati Mexxejja, jiġifieri, l-Istati Membri rappreżentati f'pajjiż terz partikolari li huma responsabbli għall-koordinazzjoni u t-tmexxija tal-għajnuna lil ċittadini mhux rappreżentati waqt il-kriżijiet, biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni effettiva tal-għajnuna konsulari. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-pjanijiet ta' kontinġenza konsulari konġunti jiġu evalwati kull sena***, jew aktar ta' spiss jekk ikun hemm ċirkostanzi straordinarji li jirrikjedu dan***, fil-kuntest ta' eżerċizzji konsulari biex tiġi żgurata r-rilevanza kontinwa tagħhom. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-pjanijiet ta' kontinġenza konsulari konġunti ma jinftiehmux li qed jissostitwixxu l-pjanijiet nazzjonali eżistenti tal-Istati Membri għall-kriżijiet jew li qed jaffettwaw ir-responsabbiltà tagħhom li jipprovdu għajnuna konsulari lin-nazzjonali tagħhom stess***, iżda bħala approċċ koerenti li jista' jgħin ukoll fil-koordinazzjoni tal-isforzi tal-Istati Membri rappreżentati***.

Emenda 10

Proposta għal direttiva

Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Il-pariri dwar l-ivvjaġġar, jiġifieri, l-informazzjoni maħruġa mill-Istati Membri dwar is-sikurezza relattiva tal-ivvjaġġar lejn pajjiżi terzi speċifiċi, jippermettu lill-vjaġġaturi jieħdu deċiżjoni infurmata dwar destinazzjoni partikolari tal-ivvjaġġar, inklużi pajjiżi terzi fejn l-Istat Membru tan-nazzjonalità tagħhom ma jkunx rappreżentat. Filwaqt li l-ħruġ ta' pariri dwar l-ivvjaġġar huwa r-responsabbiltà tal-Istati	(25) Il-pariri dwar l-ivvjaġġar, jiġifieri, l-informazzjoni maħruġa mill-Istati Membri dwar is-sikurezza relattiva tal-ivvjaġġar lejn pajjiżi terzi speċifiċi, ***jenħtieġ li jiġu aġġornati regolarment sabiex*** jippermettu lill-vjaġġaturi jieħdu deċiżjoni infurmata dwar destinazzjoni partikolari tal-ivvjaġġar, inklużi pajjiżi terzi fejn l-Istat Membru tan-nazzjonalità tagħhom ma jkunx rappreżentat. Filwaqt li l-ħruġ ta' pariri dwar l-ivvjaġġar huwa r-responsabbiltà tal-Istati

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Membri, huwa xieraq li dawn jikkoordinaw fuq dak is-suġġett, b'mod partikolari fil-kuntest ta' ***sitwazzjonijiet ta' kriżi***, bil-ħsieb li tiġi żgurata***, sa fejn ikun possibbli,*** konsistenza fil-livell tal-pariri mogħtija. Dan jista' jinkludi qbil dwar struttura komuni tal-livelli ta' riskju indikati fil-pariri dwar l-ivvjaġġar, bl-użu tal-pjattaforma sigura tas-SEAE. ***Fejn ikun possibbli,*** tali koordinazzjoni jenħtieġ li sseħħ fi stadju bikri meta l-Istati Membri jkunu qed jippjanaw li jibdlu l-livell tal-parir tagħhom dwar l-ivvjaġġar.	Membri, huwa xieraq li dawn jikkoordinaw fuq dak is-suġġett, b'mod partikolari fil-kuntest ta' ***kriżijiet***, bil-ħsieb li tiġi żgurata konsistenza fil-livell tal-pariri mogħtija. Dan jista' jinkludi qbil dwar struttura komuni tal-livelli ta' riskju indikati fil-pariri dwar l-ivvjaġġar, bl-użu tal-pjattaforma sigura tas-SEAE. Tali koordinazzjoni jenħtieġ li sseħħ fi stadju bikri meta l-Istati Membri jkunu qed jippjanaw li jibdlu l-livell tal-parir tagħhom dwar l-ivvjaġġar.

Emenda 11

Proposta għal direttiva

Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Il-koordinazzjoni effiċjenti hija vitali biex jiġi żgurat rispons effettiv għall-kriżijiet. Sabiex tiġi żgurata tali koordinazzjoni, l-Istati Membri ***jenħtieġ li*** jiġu appoġġati miċ-Ċentru ta' Rispons għall-Kriżijiet tas-SEAE u miċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza tal-Kummissjoni. Ir-rispons koordinat tal-Unjoni għall-kriżijiet huwa partikolarment importanti f'każijiet li jirrikjedu l-evakwazzjonijiet biex jiġi żgurat li l-appoġġ disponibbli jiġi pprovdut b'mod effiċjenti, u li jsir l-aħjar użu mill-kapaċitajiet ta' evakwazzjoni disponibbli. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li l-informazzjoni dwar il-kapaċità ta' evakwazzjoni disponibbli tiġi kondiviża fil-ħin, inkluż fil-każ ta' operazzjonijiet ta' salvataġġ u ta' evakwazzjoni bl-użu ta' assi militari.	(26) Il-koordinazzjoni effiċjenti hija vitali biex jiġi żgurat rispons effettiv għall-kriżijiet. Sabiex tiġi żgurata tali koordinazzjoni, l-Istati Membri ***għandhom*** jiġu appoġġati ***u jirċievu informazzjoni fil-ħin*** miċ-Ċentru ta' Rispons għall-Kriżijiet tas-SEAE u miċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza tal-Kummissjoni. Ir-rispons koordinat tal-Unjoni għall-kriżijiet huwa partikolarment importanti f'każijiet li jirrikjedu l-evakwazzjonijiet biex jiġi żgurat li l-appoġġ disponibbli jiġi pprovdut ***malajr u*** b'mod effiċjenti, u li jsir l-aħjar użu mill-kapaċitajiet ta' evakwazzjoni disponibbli. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li l-informazzjoni ***diretta u rilevanti, pereżempju*** dwar il-kapaċità ta' evakwazzjoni disponibbli tiġi kondiviża fil-ħin***, sabiex ikun possibbli rispons rapidu u effettiv***, inkluż fil-każ ta' operazzjonijiet ta' salvataġġ u ta' evakwazzjoni bl-użu ta' assi militari. ***F'dan ir-rigward, is-SEAE jenħtieġ li jkun jista' jirċievi informazzjoni awtomatika u kontinwa mill-Istati Membri dwar is-sitwazzjoni f'pajjiżi terzi.***

Emenda 12

Proposta għal direttiva

Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) It-timijiet konsulari konġunti jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-prinċipji ta' ***parteċipazzjoni volontarja,*** solidarjetà mal-Istati Membri rappreżentati, ugwaljanza fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar strutturi ta' ħidma interni, sempliċità fir-rigward tal-	(28) It-timijiet konsulari konġunti jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-prinċipji ta' solidarjetà mal-Istati Membri rappreżentati, ugwaljanza fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar strutturi ta' ħidma interni, sempliċità fir-rigward tal-kompożizzjoni tat-timijiet, kondiviżjoni tal-

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
kompożizzjoni tat-timijiet, kondiviżjoni tal-kostijiet – ma' kull Stat Membru, istituzzjoni jew korp tal-Unjoni li jkollu l-kostijiet operazzjonali tiegħu stess – flessibbiltà, viżibbiltà tar-rispons koordinat tal-Unjoni u ftuħ għall-pajjiżi terzi rilevanti.	kostijiet – ma' kull Stat Membru, istituzzjoni jew korp tal-Unjoni li jkollu l-kostijiet operazzjonali tiegħu stess – flessibbiltà, viżibbiltà tar-rispons koordinat tal-Unjoni u ftuħ għall-pajjiżi terzi rilevanti.

Emenda 13

Proposta għal direttiva

Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex jingħata appoġġ liċ-ċittadini tal-Unjoni fil-bżonn, huwa importanti li dawn jingħataw informazzjoni affidabbli dwar kif jagħmlu użu mill-għajnuna konsulari f'pajjiżi terzi. Is-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE jenħtieġ li ***jikkontribwixxu għal dak l-objettiv billi jxerrdu*** informazzjoni rilevanti, inkluża informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri fuq in-networks konsulari tagħhom u minn pajjiżi terzi meta dawn ikunu kkonkludew arranġamenti prattiċi dwar il-kondiviżjoni tar-responsabbiltajiet għall-għoti ta' protezzjoni konsulari liċ-ċittadini mhux rappreżentati. Sabiex jiġi ffaċilitat l-ipproċessar ta' tali informazzjoni, jenħtieġ li din tiġi pprovduta f'format li jinqara minn magna.	(30) Sabiex jingħata appoġġ liċ-ċittadini tal-Unjoni fil-bżonn, huwa importanti li dawn jingħataw informazzjoni affidabbli ***u faċilment aċċessibbli*** dwar kif jagħmlu użu mill-għajnuna konsulari f'pajjiżi terzi***, inklużi għażliet ta' kuntatt diġitali***. Is-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE jenħtieġ li ***b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, ixerrdu*** informazzjoni rilevanti, inkluża informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri fuq in-networks konsulari tagħhom u minn pajjiżi terzi meta dawn ikunu kkonkludew arranġamenti prattiċi dwar il-kondiviżjoni tar-responsabbiltajiet għall-għoti ta' protezzjoni konsulari liċ-ċittadini mhux rappreżentati. Sabiex jiġi ffaċilitat l-ipproċessar ta' tali informazzjoni, jenħtieġ li din tiġi pprovduta f'format li jinqara minn magna.

Emenda 14

Proposta għal direttiva

Premessa 30a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda
	(30a) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li ċ-ċittadini jkollhom aċċess faċli għal informazzjoni aġġornata dwar il-protezzjoni konsulari. F'dan ir-rigward, iċ-ċittadini tal-UE jenħtieġ li jirċievu notifiki fil-pront dwar id-drittijiet u l-proċeduri tagħhom biex jeżerċitawhom waqt li jkunu f'pajjiżi terzi, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' kriżi.

Emenda 15

Proposta għal direttiva

Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri addizzjonali biex jikkontribwixxu aktar għas-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar id-dritt tagħhom għall-protezzjoni konsulari, filwaqt li jqisu wkoll il-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni ***b'diżabilità***. Minħabba li dan jinvolvi kostijiet limitati ***għall-Istati*** Membri***, mod wieħed possibbli biex dan isir ikun li jiġi riprodott il-kliem*** tal-Artikolu 23 tat-TFUE fil-passaporti maħruġa mill-Istati Membri bħala mod kif tissaħħaħ is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar id-dritt għall-protezzjoni mill-awtoritajiet diplomatiċi u konsulari, kif diġà ġie rrakkomandat mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2007) 5841 ([5]). L-Istati Membri ***jistgħu*** jinkludu wkoll informazzjoni dwar id-dritt għall-protezzjoni konsulari li jgawdu ċ-ċittadini mhux rappreżentati fil-pariri u fil-kampanji dwar l-ivvjaġġar relatati mal-għajnuna konsulari. Huma ***jistgħu*** jikkooperaw ukoll mal-fornituri tas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri u maċ-ċentri tat-trasport li joffru vjaġġi lejn pajjiżi terzi, pereżempju billi jistidnuhom iżidu informazzjoni rilevanti dwar id-dritt għall-protezzjoni konsulari mal-materjal ta' informazzjoni magħmul disponibbli għall-klijenti.	(31) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri addizzjonali biex jikkontribwixxu aktar għas-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar id-dritt tagħhom għall-protezzjoni konsulari, filwaqt li jqisu wkoll il-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni ***b'diżabbiltà***. Minħabba li dan jinvolvi kostijiet limitati***, l-Istati*** Membri ***jenħtieġ li jirriproduċu l-kliem*** tal-Artikolu 23 tat-TFUE fil-passaporti maħruġa mill-Istati Membri bħala mod kif tissaħħaħ is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar id-dritt għall-protezzjoni mill-awtoritajiet diplomatiċi u konsulari, kif diġà ġie rrakkomandat mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2007) 5841 ([5]). L-Istati Membri ***jenħtieġ li*** jinkludu wkoll informazzjoni dwar id-dritt għall-protezzjoni konsulari li jgawdu ċ-ċittadini mhux rappreżentati fil-pariri u fil-kampanji dwar l-ivvjaġġar relatati mal-għajnuna konsulari. Huma ***jenħtieġ li*** jikkooperaw ukoll mal-fornituri tas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri u maċ-ċentri tat-trasport li joffru vjaġġi lejn pajjiżi terzi, pereżempju billi jistidnuhom iżidu informazzjoni rilevanti dwar id-dritt għall-protezzjoni konsulari mal-materjal ta' informazzjoni magħmul disponibbli għall-klijenti.***(***
([5]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2007) 5841 tal-5 ta' Diċembru 2007 dwar ir-riproduzzjoni tat-test tal-Artikolu 20 TKE fil-passaporti (ĠU L 118, 6.5.2008, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2008/355/oj).	([5]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2007) 5841 tal-5 ta' Diċembru 2007 dwar ir-riproduzzjoni tat-test tal-Artikolu 20 TKE fil-passaporti (ĠU L 118, 6.5.2008, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2008/355/oj).

Emenda 16

Proposta għal direttiva

Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Id-dispożizzjonijiet finanzjarji tad-Direttiva (UE) 2015/637 jenħtieġ li jiġu adattati biex jissimplifikaw ir-rimborżi u jkomplu jiżguraw il-kondiviżjoni tal-piżijiet finanzjarji. B'mod partikolari, jenħtieġ li jkun possibbli għaċ-ċittadini mhux rappreżentati li jirrimborżaw direttament il-kostijiet, bl-istess kundizzjonijiet bħan-nazzjonali tal-Istat Membru li jassisti, għas-servizz ipprovdut minn dak l-Istat Membru biex jiġi evitat il-piż amministrattiv li jirriżulta meta jintalbu r-rimborżi mill-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew ukoll jirrinunzjaw għall-ħlas ta' tali kostijiet. Billi, f'ċerti sitwazzjonijiet, iċ-ċittadini mhux rappreżentati jistgħu ma jkunux kapaċi jħallsu	(32) Id-dispożizzjonijiet finanzjarji tad-Direttiva (UE) 2015/637 jenħtieġ li jiġu adattati biex jissimplifikaw ir-rimborżi u jkomplu jiżguraw il-kondiviżjoni tal-piżijiet finanzjarji. B'mod partikolari, jenħtieġ li jkun possibbli għaċ-ċittadini mhux rappreżentati li jirrimborżaw direttament il-kostijiet, bl-istess kundizzjonijiet bħan-nazzjonali tal-Istat Membru li jassisti, għas-servizz ipprovdut minn dak l-Istat Membru biex jiġi evitat il-piż amministrattiv li jirriżulta meta jintalbu r-rimborżi mill-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew ukoll jirrinunzjaw għall-ħlas ta' tali kostijiet. Billi, f'ċerti sitwazzjonijiet, iċ-ċittadini mhux rappreżentati jistgħu ma jkunux kapaċi jħallsu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
meta jagħmlu t-talba għall-għajnuna, b'mod partikolari meta l-flus u l-mezzi tagħhom għall-aċċess għall-fondi jkunu nsterqu, huwa meħtieġ li jiġi previst li dawn jistgħu jintalbu jiffirmaw impenn li jħallsu lura mill-awtoritajiet konsulari tal-Istat Membru li jassisti. Fuq il-bażi ta' tali impenn, l-awtoritajiet tal-Istat Membru li jassisti jistgħu jitolbu r-rimborż tal-kostijiet ladarba jkunu għaddew ***4 ġimgħat*** minn meta tkun ġiet ipprovduta l-assistenza**.**	meta jagħmlu t-talba għall-għajnuna, b'mod partikolari meta l-flus u l-mezzi tagħhom għall-aċċess għall-fondi jkunu nsterqu, huwa meħtieġ li jiġi previst li dawn jistgħu jintalbu jiffirmaw impenn li jħallsu lura mill-awtoritajiet konsulari tal-Istat Membru li jassisti. Fuq il-bażi ta' tali impenn, l-awtoritajiet tal-Istat Membru li jassisti jistgħu jitolbu r-rimborż tal-kostijiet ladarba jkunu għaddew ***tliet xhur*** minn meta tkun ġiet ipprovduta l-assistenza

Emenda 17

Proposta għal direttiva

Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) F'każijiet fejn il-kostijiet ma jkunux tħallsu lura direttament miċ-ċittadin, jiġifieri, la immedjatament meta ssir it-talba u lanqas fi stadju aktar tard meta jintalab jagħmel dan mill-Istat Membru li jassisti abbażi tal-impenn li jħallas lura, l-Istat Membru li jassisti jenħtieġ li jkun intitolat jitlob ir-rimborż tal-kostijiet dovuti mingħand l-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat. Sabiex jiġi evitat li jiġu ffaċċjati b'talbiet għal rimborż wara perjodi twal, l-Istat Membru li jassisti u l-Istat Membru tan-nazzjonalità jenħtieġ li jingħataw skadenza raġonevoli biex, rispettivament, jagħmlu t-talba u r-rimborż.	(33) F'każijiet fejn il-kostijiet ma jkunux tħallsu lura direttament miċ-ċittadin, jiġifieri, la immedjatament meta ssir it-talba u lanqas fi stadju aktar tard meta jintalab jagħmel dan mill-Istat Membru li jassisti abbażi tal-impenn li jħallas lura, l-Istat Membru li jassisti jenħtieġ li jkun intitolat jitlob ir-rimborż tal-kostijiet dovuti mingħand l-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat. Sabiex jiġi evitat li jiġu ffaċċjati b'talbiet għal rimborż wara perjodi twal, l-Istat Membru li jassisti u l-Istat Membru tan-nazzjonalità jenħtieġ li jingħataw skadenza raġonevoli biex, rispettivament, jagħmlu t-talba u r-rimborż. ***Jenħtieġ li d-data ta' skadenza tqis il-kumplessità tal-problema, l-involviment tal-persunal tal-faċilità u d-durata tal-assistenza.***

Emenda 18

Proposta għal direttiva

Premessa 34a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34a) Jenħtieġ li tingħata żieda xierqa fil-baġit u fir-riżorsi umani tas-SEAE, flimkien mad-dħul mir-rimborżi tal-Istati Membri, biex tiġi garantita l-eżekuzzjoni xierqa tar-responsabbiltajiet fl-għoti ta' assistenza u/jew protezzjoni liċ-ċittadini tal-UE.

Emenda 19

Proposta għal direttiva

Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Meta jipproċessaw tali kategoriji speċjali ta' data personali, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jenħtieġ li jiżguraw miżuri xierqa u speċifiċi għas-salvagwardja tal-interessi tas-suġġetti tad-data. Dan jenħtieġ li jinkludi, fejn possibbli, il-kriptaġġ ta' tali data personali u l-attribuzzjoni speċifika tad-drittijiet ta' aċċess għall-persunal li jkollu aċċess għat-tipi speċifikati ta' kategoriji speċjali ta' data personali.	(41) Meta jipproċessaw tali kategoriji speċjali ta' data personali, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jenħtieġ li jiżguraw miżuri xierqa u speċifiċi għas-salvagwardja tal-interessi ***u d-drittijiet*** tas-suġġetti tad-data. Dan jenħtieġ li jinkludi, fejn possibbli, il-kriptaġġ ta' tali data personali u l-attribuzzjoni speċifika tad-drittijiet ta' aċċess għall-persunal li jkollu aċċess għat-tipi speċifikati ta' kategoriji speċjali ta' data personali.

Emenda 20

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) fl-Artikolu 4, jiżdied is-subparagrafu 1a li ġej: ***"Rifuġjati rikonoxxuti u persuni apolidi u persuni oħra li mhumiex ċittadini tal-ebda pajjiż, li jirrisjedu fi Stat Membru u għandhom dokument tal-ivvjaġġar maħruġ minn dak l-Istat Membru għandhom ikunu intitolati għal protezzjoni konsulari taħt l-istess kundizzonijiet taċ-ċittadini mhux rappreżentati, jekk Stat Membru ta' residenza ma jkunx rappreżentat minn awtortià diplomatika jew konsulari".***

Emenda 21

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) id-diffikultà għaċ-ċittadin ikkonċernat biex imur l-ambaxxata jew il-konsulat tal-Istat Membru tan-nazzjonalità tiegħu jew biex jiġi kkuntattjat minnu b'mod sikur f'perjodu ta' żmien raġonevoli, filwaqt li	(a) id-diffikultà għaċ-ċittadin ikkonċernat biex imur l-ambaxxata jew il-konsulat tal-Istat Membru tan-nazzjonalità tiegħu jew biex jiġi kkuntattjat minnu b'mod sikur f'perjodu ta' żmien raġonevoli, filwaqt li

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
jitqiesu n-natura u l-urġenza tal-għajnuna mitluba u l-mezzi disponibbli għaċ-ċittadin;	jitqiesu n-natura u l-urġenza tal-għajnuna mitluba u l-mezzi disponibbli għaċ-ċittadin**. *Filwaqt li l-perjodu ta' żmien xieraq jiddependi fuq il-partikolaritajiet ta' kull talba għall-assistenza, il-perjodu għaċ-ċittadini biex jilħqu jew jintlaħqu b'mod sikur mill-ambaxxata jew il-konsulat tal-Istat Membru tagħhom, m'għandux, fi kwalunkwe każ, jaqbeż it-48 siegħa.***

Emenda 22

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Fil-każ li d-delegazzjonijiet tal-Unjoni jkunu l-unika rappreżentanza li tinsab fiżikament f'pajjiż terz, jew fejn ikun hemm ħtieġa oġġettiva għal assistenza addizzjonali għal ċittadini mhux rappreżentati waqt sitwazzjoni ta' kriżi minħabba kapaċità insuffiċjenti tal-ambaxxati u l-konsulati tal-Istati Membri, id-delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jipprovdu assistenza konsulari, inkluż il-ħruġ ta' Dokumenti Provviżorji tal-Ivvjaġġar skont id-dispożizzjonijiet stipulati mid-Direttiva (UE) 2019/997.

Emenda 23

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Meta tiġi provduta protezzjoni konsulari lil ċittadini mhux rappreżentati, l-Istati Membri għandhom iqisu approċċ intersezzjonali għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' gruppi vulnerabbli u individwi f'riskju ta' diskriminazzjoni għal kwalunkwe raġuni bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 21 tal-Karta, jiġifieri s-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali."

Emenda 24

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) fl-Artikolu 9, ***il-punti (e) u (f) huma sostitwiti b'dan*** li ġej:	(2) fl-Artikolu 9, ***jiżdied il-paragrafu*** li ġej:
"(e) sokkors, evakwazzjoni u ripatrijazzjoni f'każ ta' emerġenza;	***imħassar***
(f) ħtieġa ta' Dokument Provviżorju tal-Ivvjaġġar tal-UE stabbilit bid-Direttiva (UE) 2019/997 (*).	***imħassar***
	(fa) proċedimenti tal-qorti f'każijiet urġenti li jeħtieġu attenzjoni immedjata.
(*) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/997 tat-18 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi Dokument Provviżorju tal-Ivvjaġġar tal-UE u li tħassar id-Deċiżjoni 96/409/PESK (ĠU L 163, 20.6.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/997/oj).";	***imħassar***

Emenda 25

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jappoġġaw lill-Istati Membri fl-għoti ta' protezzjoni konsulari liċ-ċittadini mhux rappreżentati f'konformità mal-Artikolu 5(10) tad-Deċiżjoni 2010/427/UE. Tali appoġġ jista' jinkludi t-twettiq ta' kompiti speċifiċi ta' għajnuna konsulari, fuq talba tal-Istati Membri u f'isimhom. L-Istat Membru li jassisti u l-Istat Membru tan-nazzjonalità għandhom jipprovdu lid-delegazzjoni tal-Unjoni bl-informazzjoni rilevanti kollha fil-każ ikkonċernat.	2. Id-delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jappoġġaw lill-Istati Membri fl-għoti ta' protezzjoni konsulari liċ-ċittadini mhux rappreżentati f'konformità mal-Artikolu 5(10) tad-Deċiżjoni 2010/427/UE. Tali appoġġ jista' jinkludi t-twettiq ta' kompiti speċifiċi ta' għajnuna konsulari, fuq talba tal-Istati Membri u f'isimhom. L-Istat Membru li jassisti u l-Istat Membru tan-nazzjonalità għandhom jipprovdu ***mingħajr dewmien*** lid-delegazzjoni tal-Unjoni bl-informazzjoni rilevanti kollha fil-każ ikkonċernat.

Emenda 26

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Is-SEAE u d-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jiġu allokati r-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa biex ikopru l-kostijiet ġenerali u l-ammont ta' xogħol amministrattiv orizzontali addizzjonali.

Emenda 27

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 13 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fil-kuntest tal-kooperazzjoni konsulari lokali msemmija fl-Artikolu 12, l-Istati Membri u s-SEAE għandhom jistabbilixxu u jaqblu dwar pjan ta' kontinġenza konsulari konġunt għal kull pajjiż terz. Il-pjan ta' kontinġenza konsulari konġunt għandu jiġi aġġornat kull sena u jkun fih:	1. Fil-kuntest tal-kooperazzjoni konsulari lokali msemmija fl-Artikolu 12, l-Istati Membri u s-SEAE għandhom jistabbilixxu u jaqblu dwar pjan ta' kontinġenza konsulari konġunt għal kull pajjiż terz. Il-pjan ta' kontinġenza konsulari konġunt għandu jiġi aġġornat kull sena***, jew aktar ta' spiss fil-każ ta' ċirkostanzi straordinarji,*** u jkun fih:

Emenda 28

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) analiżi tas-sitwazzjoni konsulari fil-pajjiż, inkluża ħarsa ġenerali lejn l-ambaxxati jew il-konsulati tal-Istati Membri, estimu tal-għadd ta' ċittadini tal-Unjoni u fejn jinsabu, u valutazzjoni tar-riskju tal-aktar xenarji plawżibbli li jaffettwaw liċ-ċittadini tal-Unjoni;	(a) analiżi tas-sitwazzjoni konsulari fil-pajjiż, inkluża ħarsa ġenerali lejn l-ambaxxati jew il-konsulati tal-Istati Membri, estimu tal-għadd ta' ċittadini tal-Unjoni u fejn jinsabu, u valutazzjoni tar-riskju tal-aktar xenarji plawżibbli li jaffettwaw liċ-ċittadini tal-Unjoni; ***bħal, iżda mhux limitati għal, riskji militari, politiċi, kriminali u tas-saħħa, u diżastri naturali;***

Emenda 29

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn ikunu preżenti, id-delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jikkoordinaw l-istabbiliment ta' pjanijiet ta' kontinġenza konsulari konġunti u l-qbil dwarhom, abbażi ta' kontributi magħmula mill-ambaxxati jew mill-konsulati tal-Istati Membri rrappreżentati fil-pajjiż terz ikkonċernat u l-awtoritajiet konsulari tal-Istati Membri mhux rappreżentati. Il-pjanijiet ta' kontinġenza konsulari konġunti għandhom ikunu disponibbli għall-Istati Membri kollha, għas-SEAE u għas-servizzi tal-Kummissjoni.	Fejn ikunu preżenti, id-delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jikkoordinaw l-istabbiliment ta' pjanijiet ta' kontinġenza konsulari konġunti u l-qbil dwarhom, abbażi ta' kontributi magħmula mill-ambaxxati jew mill-konsulati tal-Istati Membri rrappreżentati fil-pajjiż terz ikkonċernat u l-awtoritajiet konsulari tal-Istati Membri mhux rappreżentati. ***Dan jista' jinkludi, fejn meħtieġ, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.*** Il-pjanijiet ta' kontinġenza konsulari konġunti għandhom ikunu disponibbli għall-Istati Membri kollha, għas-SEAE u għas-servizzi tal-Kummissjoni.

Emenda 30

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 13 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri u d-delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jikkollaboraw fl-użu ta' Sistemi ta' Twissija Bikrija biex jippermettu d-detezzjoni f'waqtha ta' kriżijiet jew perikli potenzjali, bħal diżastri naturali, inkwiet politiku, jew emerġenzi tas-saħħa, fil-pajjiż terz ikkonċernat. Dawn is-sistemi għandhom jużaw l-analitika tad-data, il-valutazzjonijiet tar-riskju, u l-kondiviżjoni tal-intelligence biex jipprovdu indikaturi bikrija ta' theddid emerġenti, u b'hekk itejbu l-effettività tal-isforzi ta' tħejjija u rispons għall-kriżijiet.

Emenda 31

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-liġi nazzjonali, ***jipprovdu liċ-ċittadini*** tagħhom ***il-possibbiltà*** li jirreġistraw mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew jinfurmawhom, b'mezzi u għodod xierqa, dwar il-vjaġġi tagħhom f'pajjiżi terzi jew dwar ir-residenza tagħhom hemmhekk.	4. L-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-liġi nazzjonali, ***jieħdu miżuri proattivi sabiex jiżguraw li ċ-ċittadini*** tagħhom jirreġistraw mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew jinfurmawhom, b'mezzi u għodod xierqa, dwar il-vjaġġi tagħhom f'pajjiżi terzi jew dwar ir-residenza tagħhom hemmhekk***, b'mod partikolari meta l-pajjiżi terzi inkwistjoni mhumiex ikkunsidrati bħala kompletament siguri***.

Emenda 32

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar il-bidliet fil-pariri tagħhom dwar l-ivvjaġġar liċ-ċittadini minn kmieni, b'mod partikolari fil-kuntest ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi, u għandhom jaraw li jiżguraw konsistenza fil-livell ta' pariri dwar l-ivvjaġġar mogħtija.";	5. L-Istati Membri għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar il-bidliet fil-pariri tagħhom dwar l-ivvjaġġar liċ-ċittadini minn kmieni, b'mod partikolari fil-kuntest ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi, u għandhom jaraw li jiżguraw konsistenza fil-livell ta' pariri dwar l-ivvjaġġar mogħtija." ***L-Istati Membri għandhom dejjem jinformaw lil xulxin kull darba li jsiru konxji minn riskji ogħla għas-sigurtà.***

Emenda 33

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 13 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri għandhom itejbu s-sensibilizzazzjoni mad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi, inkluż billi jikkondividu regolarment aġġornamenti tal-valutazzjoni tar-riskju u theddid possibbli għas-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE, u billi jiskambjaw informazzjoni dwar il-parir tagħhom dwar l-ivvjaġġar.

Emenda 34

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 13 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. Is-SEAE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, għandu jipprovdi taħriġ dwar it-tħejjija, is-simulazzjoni u r-rispons konsulari għall-kriżijiet lill-uffiċjali tal-Unjoni u lill-persunal diplomatiku u konsulari tal-Istati Membri biex itejbu l-kapaċità tagħhom li jimmaniġġjaw sitwazzjonijiet ta' kriżi u jipprovdu assistenza liċ-ċittadini tal-UE barra mill-pajjiż.

Emenda 35

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 13a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn meħtieġ, l-Istati Membri jistgħu jiġu appoġġati minn timijiet konsulari konġunti magħmula minn esperti mill-Istati Membri, b'mod partikolari minn Stati Membri mhux rappreżentati fil-pajjiż terz affettwat mill-kriżi, mis-servizzi tas-SEAE u tal-Kummissjoni. It-timijiet konsulari konġunti għandhom ikunu disponibbli għal skjerament rapidu f'pajjiżi terzi affettwati minn kriżi konsulari. Il-parteċipazzjoni f'timijiet konsulari konġunti għandha tkun volontarja.	2. Fejn meħtieġ, l-Istati Membri jistgħu jiġu appoġġati minn timijiet konsulari konġunti magħmula minn esperti mill-Istati Membri, b'mod partikolari minn Stati Membri mhux rappreżentati fil-pajjiż terz affettwat mill-kriżi, mis-servizzi tas-SEAE u tal-Kummissjoni. It-timijiet konsulari konġunti għandhom ikunu disponibbli għal skjerament rapidu f'pajjiżi terzi affettwati minn kriżi konsulari. Il-parteċipazzjoni f'timijiet konsulari konġunti għandha tkun volontarja. ***Is-SEAE u l-Kummissjoni għandhom jappoġġaw it-tħejjija ta' dawk l-esperti u tat-timijiet konsulari konġunti.***

Emenda 36

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 13a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta jipprovdu għajnuna, l-Istati Membri jistgħu ***jitolbu appoġġ, jekk ikun xieraq,*** minn strumenti tal-Unjoni bħall-istrutturi tal-ġestjoni tal-kriżijiet tas-SEAE u	4. Meta jipprovdu għajnuna, l-Istati Membri jistgħu ***jiġu appoġġati*** minn strumenti tal-Unjoni bħall-istrutturi tal-ġestjoni tal-kriżijiet tas-SEAE u ċ-Ċentru ta' Rispons għall-

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ċ-Ċentru ta' Rispons għall-Kriżijiet tiegħu ***u***l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, permezz taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza stabbilit mill-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni ***Nru 1313/2013/UE.;***	Kriżijiet tiegħu***. L-Istati Membri jistgħu jinvolvu wkoll*** il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, permezz taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza stabbilit mill-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni ***Nru 1313/2013/UE u, jekk ikun xieraq, il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE taħt il-qafas tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni u l-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE kif previst fil-"Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża".***

Emenda 37

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 13a – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. fil-Kapitolu 2, jiddaħħal l-Artikolu 13ad li ġej: "Artikolu 13ad Protezzjoni speċjali tat-tfal L-Istati Membri, bl-appoġġ tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni, għandhom jieħdu miżuri speċjali biex jiżguraw id-dritt għall-protezzjoni konsulari tat-tfal, li huma ċittadini tal-UE, f'pajjiżi terzi, b'mod partikolari meta jkun hemm riskju ta' ksur tad-drittijiet tagħhom minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Fil-każ li tiġi provduta assistenza konsulari lit-tfal, l-Istati Membri għandhom iqisu l-aħjar interess tat-tfal bħala l-kunsiderazzjoni primarja tagħhom.

Emenda 38

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 13b – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mill-inqas darba fis-sena, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni ***u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà*** l-informazzjoni li ġejja:	***Darba kull sitt xhur,*** l-Istati Membri għandhom jipprovdu ***lis-SEAE u***lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja:

Emenda 39

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 13b – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri, is-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE għandhom jagħmlu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, ***il-punti (a), (b) u (c),*** disponibbli għall-pubbliku b'mod li jiżgura l-koerenza tal-informazzjoni pprovduta.	2. L-Istati Membri, is-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE għandhom jagħmlu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, disponibbli għall-pubbliku b'mod li jiżgura l-koerenza tal-informazzjoni pprovduta.

Emenda 40

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 13b – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Meta jintalbu mill-Kummissjoni,*** l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 f'format li jinqara minn magna.	3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 f'format li jinqara minn magna.

Emenda 41

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jinfurmaw liċ-ċittadini tagħhom bid-dritt tagħhom stabbilit fl-Artikolu 20(2), il-punt (c), tat-TFUE***. Dan jista' jinkludi*** b'mod partikolari ***l-miżuri li ġejjin***:	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jinfurmaw liċ-ċittadini tagħhom bid-dritt tagħhom stabbilit fl-Artikolu 20(2), il-punt (c), tat-TFUE b'mod partikolari ***billi***:

Emenda 42

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 13c – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ir-riproduzzjoni tal-Artikolu 23, l-ewwel sentenza, tat-TFUE fuq il-passaporti nazzjonali;	***imħassar***

Emenda 43

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 13c – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji diġitali u sistemi ta' notifika awtomatizzati, bħall-SMS permezz ta' networks telefoniċi, biex iċ-ċittadini tal-UE jiġu pprovduti b'dettalji ta' kuntatt essenzjali għall-protezzjoni konsulari meta jidħlu f'pajjiż terz, kif ukoll messaġġi ta' twissija matul sitwazzjonijiet ta' kriżi.

Emenda 44

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 13c – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1 a. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jirriproduċu l-Artikolu 23, l-ewwel sentenza, tat-TFUE fuq il-passaporti nazzjonali f'post viżibbli.

Emenda 45

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk ċittadin mhux rappreżentat ma jkunx jista' jħallas il-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 1 lill-Istat Membru li jassisti meta jagħmel talba għal għajnuna, l-Istat Membru li jassisti jista' jitlob liċ-ċittadin mhux rappreżentat jiffirma impenn li jħallas lura. Fuq dik il-bażi, l-Istat Membru li jassisti jista' jitlob liċ-ċittadin mhux rappreżentat ikkonċernat biex iħallas dawn il-kostijiet ladarba jkunu għaddew ***4 ġimgħat*** minn meta tkun ġiet ipprovduta l-għajnuna.Il-fatt li ċittadin mhux rappreżentat ma jkunx jista' jħallas il-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 1 meta jagħmel talba għal għajnuna ma għandux jaffettwa d-dritt tiegħu li jirċievi protezzjoni konsulari.	Jekk ċittadin mhux rappreżentat ma jkunx jista' jħallas il-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 1 lill-Istat Membru li jassisti meta jagħmel talba għal għajnuna, l-Istat Membru li jassisti jista' jitlob liċ-ċittadin mhux rappreżentat jiffirma impenn li jħallas lura. Fuq dik il-bażi, l-Istat Membru li jassisti jista' jitlob liċ-ċittadin mhux rappreżentat ikkonċernat biex iħallas dawn il-kostijiet ladarba jkunu għaddew ***tliet xhur*** minn meta tkun ġiet ipprovduta l-għajnuna. Il-fatt li ċittadin mhux rappreżentat ma jkunx jista' jħallas il-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 1 meta jagħmel talba għal għajnuna ma għandux jaffettwa d-dritt tiegħu li jirċievi protezzjoni konsulari.

Emenda 46

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 14 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu formoli standard li għandhom jintużaw għall-impenn ta' ħlas lura imsemmi fil-paragrafu 2 u għall-ħlas lura tal-kostijiet mill-Istat Membru tan-nazzjonalità msemmi fil-paragrafu 3. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15a(2).	6. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu formoli standard***, disponibbli bil-lingwi kollja tal-Istati Membri,*** li għandhom jintużaw għall-impenn ta' ħlas lura imsemmi fil-paragrafu 2 u għall-ħlas lura tal-kostijiet mill-Istat Membru tan-nazzjonalità msemmi fil-paragrafu 3. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15a(2).

Emenda 47

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 16a – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13(4) rigward ir-reġistrazzjoni u n-notifika tal-ivvjaġġar taċ-ċittadini lejn pajjiżi terzi jew ir-residenza fihom.

Emenda 48

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 16a – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fb) jipprovdu l-informazzjoni u t-twissijiet imsemmija fl-Artikolu 13c(1), il-punt (-a);

Emenda 49

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 16a – paragrafu 1 – punt fc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fc) jipproċessaw informazzjoni u reġistrazzjonijiet ta' vjaġġi jew residenza pprovduti f'konformità mal-Artikolu 13(4).

Emenda 50

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 16a – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Meta jipproċessaw id-data personali msemmija fil-paragrafu 5, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jiżguraw miżuri xierqa u speċifiċi għas-salvagwardja tal-interessi tas-suġġetti tad-data. Huma għandhom jintroduċu wkoll politiki interni u jieħdu l-miżuri tekniċi u organizzazzjonali meħtieġa biex jipprevjenu l-aċċess għal tali data personali u t-trażmissjoni tagħha mingħajr awtorizzazzjoni.	6. Meta jipproċessaw id-data personali msemmija fil-paragrafu 5, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jiżguraw miżuri xierqa u speċifiċi għas-salvagwardja tal-interessi ***u d-drittijiet*** tas-suġġetti tad-data. Huma għandhom jintroduċu wkoll politiki interni u jieħdu l-miżuri tekniċi u organizzazzjonali meħtieġa biex jipprevjenu l-aċċess għal tali data personali u t-trażmissjoni tagħha mingħajr awtorizzazzjoni.

Emenda 51

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 16a – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jittrasferixxu data personali lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali biss biex iwettqu l-kompiti msemmija fl-Artikolu 9, fl-Artikolu 10 u fl-Artikolu 13a u f'konformità mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679.	Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jittrasferixxu data personali lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali biss biex iwettqu l-kompiti msemmija fl-Artikolu 9, fl-Artikolu 10 u fl-Artikolu 13a u f'konformità mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679. ***Id-data personali msemmija fil-paragrafu 5 għandha tiġi eskluża minn tali trasferiment, sakemm ma jkunx inkiseb il-kunsens espliċitu minn qabel taċ-ċittadin tal-Unjoni kkonċernat.***

Emenda 52

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 16b – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-ċittadini mhux rappreżentati jkollhom ***rimedju*** effettiv fid-dritt nazzjonali f'każ ta' ksur ta' drittijiethom skont din id-Direttiva.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-ċittadini mhux rappreżentati jkollhom ***aċċess*** effettiv ***għal mekkaniżmi tal-ilmenti u rimedji*** fid-dritt nazzjonali f'każ ta' ksur ta' drittijiethom skont din id-Direttiva.

Emenda 53

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Mhux ***qabel*** [***8*** snin wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni tad-Direttiva emendatorja], il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni ta' din id-Direttiva u tippreżenta rapport dwar il-konklużjonijiet ewlenin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.	Mhux ***aktar tard minn*** [***ħames*** snin wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni tad-Direttiva emendatorja], il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni ta' din id-Direttiva u tippreżenta rapport dwar il-konklużjonijiet ewlenin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.